# 18. Il-Kaboċċa

Dawk l-anġli bi ġwenħajn imlewna u wiesgħa,
qishom l-arazzi jew iż-żġieġ impitter
tal-kattidrali gotki, li jittajru
minn fjur għal fjur,

– il-friefet imżewqin, – dawk għandhom demmi
aħdar u qawwi jiġri ġewwa l-vini;
ifjen mid-demm li jiġri fil-qawsalla
id-demm ta' ġismi!

Jiġi l-farfett ibid fil-weraq tiegħi,
u jmur u jitlaq; jien bħal qroqqa twajba
insaħħan dak il-bajd, u meta jofqos
noqgħod inżoqqu

Bil-weraq tiegħi, u sa ma jikber dudu
aħdar u twil, bil-ġuħ jekolni kollha,
u jien nitgħarwen, kif il-papra tinża'
biex tibni l-bejta.

Meta da' d-dudu twil jixba' mill-ikel,
jitwarrab minni, u jidħol ġewwa l-fosdoq,
jiddendel ma' xi ġebla ġo xi rokna,
u joqgħod jorqod

Sa mat-trombi tax-xemx f'rebbiegħa ġdida
jgħajtulu għall-qawmien minn ġewwa l-fosdoq,
u joħroġ anġlu ġdid, minn warda għal warda
itir fil-ġnien.

L-iben il-ġdid ta' demmi jkun jixraqlu
li jiekol bħall-allat l-ambrosja fina
moħbija ġewwa l-kus tal-ward tal-ġonna
u ġewwa ż-żahar.

Ħalibi ma jogħġbux, 'mma b'dana kollu
lili ma jinsenix; u meta l-ħerqa
ta' mħabba kbira tixgħel ġewwa ġismu
u ġġagħlu jkattar

Il-ġmiel impitter tal-ġwenħajn ta' ġensu,
il-farfett jiġi għandi, u fuq werqieti
jerħi l-uliedu biex inrabbihomlu
u ntihom demmi.

Int li kemmixt xofftejk meta l-poeta
beda jgħannili għanja għaliex deherlek
li lili ma tixraqx il-poeżija:
kun af min jiena!